MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Numru. 1019/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**OLIVER ABELA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Oliver Abela 58 sena mwieled gewwa il-Belt Valletta nhar is-6 ta’ Jannar 1946 bin il-mejjet Rosario u l-mejta Josephine Zarb residenti gewwa ‘Sunray’ Triq Dun Gorg Preca, Blata l-Bajda detentur ta’ Karta ta’ l-identita 97246M

Gie akkuzat talli nhar l-4 ta’ Novembru 2003, il-5 ta’ Novembru 2003 u fix-xhur ta’ qabel gewwa San Giljan, Tas-Sliema u f’diversi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin

f'hinijiet differenti ha f'idejh xi funzjoni pubblika, sew civili jew militari, minghajr jedd, u ezercita xi att ta l-istess funzjoni meta ppersonifika ruhu bhala ufficjal tal-Pulizija u dan ai terminu tal-artikolu 18 u 84 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lokalijiet hinijiet u cirkostanzi agixxa ta' 'Private Investigator' minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-Kapitolu 389 u ta' l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 Tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli gewwa Triq Sant Andrija St. Andrew's Nhar il-5 ta' Novembru 2003 ghall-habta ta' 8.30am bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita jedd li ppretenda li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu nnifsu fixkel lill-Paticia Pace fil-pussess ta' hwejjigha, jew b'xi mod iehor kontra il-ligi indahal fi hwejjigha billi ha 'Camera tar-ritratti' propjeta tal-kwerelanta u dan ai terminu tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
U aktar talli nhar l-4 u il-5 ta' Novembru 2003 f'diversi hinijiet differenti gewwa it-Toroq San Ignazio, Depiro, triq il-Kulleg L-antik Sliema u Triq Sant Andrija St. Andrew's hebb ghall-Patricia Pace mill-Gzira sabiex jingurjaha idejjaqha jew jaghmlilha hsara u dan ai terminu tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati hinijiet u lokalitajiet taht l-istess cirkostanzi hedded lill-istess Patricia Pace mill-Gzira bi kliem u dan ai terminu tal-artikol 339 (e) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati hinijiet u lokalitajiet taht l-istess cirkostanzi kiser il-buon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MT3 u nnutat li l-imputat Oliver Abela m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-Ispettur Mario Tonna li fis-Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004, qal:

"Xhud: Nhar il-5 ta' Novembru tas-sena 2003 ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' fil-ghodu (10:30 a.m.) l-imputat Oliver Abela kien gie l-Ghassa ta' San Giljan fejn kien ghamel rapport li f'xi t-tmienja u nofs ta' fil-ghodu (9:30 a.m.) fi Triq Sant'Andrija gewwa Pembroke kien innota persuna femminili li mill-vettura taghha bdiet tohodlu xi ritratti waqt li hu kien qed isuq minn din il-vettura. Abela kien qal lili personali bhala ufficjal investigatur meta wara li tkellimt mieghu li meta kien qed isuq gewwa din it-triq bil-vettura tieghu JBC-271 u meta waqaf fit-"traffic" huwa kien innota vettura "Tata Sumo" bin-numru tar-registrazzjoni PAT-007, li kienet misjuqa minn certu Patricia Pace, li kienet qed tohodlu xi ritratti. Abela kien qalli wkoll li hu nizel minn gewwa l-vettura, resaq lejn din il-persuna, hadilha l-"camera disposable" minn idejha u mar biex isuq lejn triqtu fejn kien sejjer hu. Abela, meta nizel l-Ghassa ta' San Giljan, kien ghamel din il-"camera" tar-ritratti "disposable" maghluqa go "envelope", kien issottomettiha lis-Surgent 69 J. Cremona go "envelope" abjad maghluq li skond hu bil-kitba tieghu stess kien kiteb "To be picked up by driver of PAT-007, "Tata Sumo"." Oliver Abela kien talab li Patricia Pace tigi mwissija mill-Pulizija. Fil-frattemp ix-xufier tat-"Tata Sumo" PAT-007 kienet giet riferuta ghandi bhala l-Ufficjal ta' l-Ghassa ta' dak in-nhar mill-avukat taghha Dr. Ruth Scott u kienet giet tilloggja rapport ukoll Patricia Pace, li hija mill-Mellieha. Meta kienet mitkellma minni, Pace kienet qalet li kienet qieghda tinnota f'diversi dati differenti lil Abela kull fejn tkun tarah warajha b'diversi karrozzi, b'karrozzi tal-kiri u b'karrozzi personali tieghu u kif ukoll anki dik il-vettura li semmejt fil-bidu JBC-271. Pace kienet qed tissuspetta li dan kien qed isir minhabba l-kawza ta' separazzjoni li

ghaddejja mar-ragel taghha. Pace kienet ukoll insistiet li tressaq lil dan ir-ragel, u cjoe lil Oliver Abela, l-imputat hawnhekk prezenti llum, u tiehu passi kontrih il-Qorti fuq dan l-incident ta' St. Andrews. Pace kienet kompliet tghid li fuq l-incident li qed insemmi ta' St. Andrews tal-gurnata in kwistjoni meta qabel anki hareg minn gol-vettura tieghu arrogantement u b'theddid hu kien ordnalha biex ma tiehux iktar ritratti tieghu u meta kienu regghu saqu u rega' waqaf it-"traffic", kien f'dan il-mument li hu nizel u hataf il-"camera" minn go idejn Pace. Il-"camera" tar-ritratti li kellha "serial number 022005010320-21" kienet giet mgharrfa bhala li hi proprjeta' li kellha Patricia Pace u kienet giet ikkonsenjata lilha. Pace kienet kompliet tghid ukoll li fl-4 ta' Novembru, jigifieri gurnata qabel dan l-incident tas-sena 2003, fi Triq Sant'Injazju, Sliema, fejn il-"Galaxy Hotel", fil-ghodu kienet ukoll regghet innutat lil Abela jiffolowjaha fil-passi taghha u li kien u hi wkoll kienet haditlu ritratti. Meta hija qalet li Abela kien avvanza lejha u kien rega' heddidha sabiex tieqaf tohodlu r-ritratti, hu kien heddidha li jekk mhux se tieqaf kien ser jarrestaha fuq insubordinazzjoni ghaliex skond Pace Abela qallha li huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u "private investigator". F'dan il-mument, Pace kienet talbet ukoll li jigi mwissi s-Sur Abela mill-Pulizija. Jiena personali kont ergajt kellimt lis-Sur Abela meta hu kien ukoll allega li qed jigi imdejjaq minn Pace minhabba r-ritratti li kienet qieghda tehodlu. Huwa kien qalli lili li huwa "private investigator" u wrieni diversi certifikati akkademici tal-kwalifikazzjonijiet tieghu li huwa "private investigator". Meta jiena staqsejtu jekk ghandux licenzja mahruga mill-Korp tal-Pulizija qalli li skond dawk ic-certifikati li ghandu hu m'ghandux bzonn ikollu licenzja sabiex jipprattika din il-professjoni. Sa dan il-mument iz-zewg partijiet kienu imwissija mis-sottoskritt sabiex izommu l-paci pubblika u l-"buon ordni" u ma jersqux lejn xulxin. Jiena kont ukoll ircevejt kwerela minghand Dr. Ruth Scott ghan-nom ta' Patricia Pace u kont hrigt dawn l-akkuzi. Fil-fatt qieghed nipprezenta Okkorrenza maghmula minni stess, immarkata Dok. MT4, Avviz li kien tani s-Sur Abela, qed nimmarkah MT5, fejn juri l-professjoni tieghu ta' "private investigator", l-"envelope" li kien issottometta s-Sur Abela bid-"disposable camera" ta' Patricia Pace go fih, immarkat MT6, kopja tal-

kwerela ikkommunikata minn Dr. Ruth Scott qed nimmarkaha Dok. MT7."

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Patricia Pace li fis-Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004, qalet:
"Nghid jiena qieghda fi proceduri ta' separazzjoni bejni u bejn zewgi u jiena bdejt ninnota karrozzi jsegwuni. Dawn kienu hafna karrozzi differenti. Bdejt ukoll ninnota certu nies isegwuni u li jiena taghhom hadt ritratti u certu wiehed minnhom huwa l-imputat li qieghda naghrfu prezenti fl-Awla.

Nghid f'okkazzjoni minnhom l-imputat lili gie jheddidni. Lili qalli li jiena kont se nigi arrestata ghal insubordinazzjoni. Qalli wkoll li lili kien se jaghmel rapport kontrija, qalli wkoll li kien se jitfaghni l-habs u jarmi c-cwievet. Inzid nghid ukoll illi apparti hekk heddidni wkoll ghaliex jiena bdejt niehu r-ritratti u l-kliem li qalli kien "Alla hares tiehu ritratt iehor ghax hazin ghalik!" Dina ma sehhitx f'okkazzjoni wahda.

Nghid in kwantu ghall-incident li sehh fl-4 ta' Novembru, 2003 meta jiena kont tlaqt mid-dar u innotajt karrozza JMS 619 li fiha kien hemm l-imputat Abela u kien hemm guvni hdejh li kien liebes *baseball cap*. Nghid illi dawn segwewni minn wara l-bieb tad-dar il-Mellieha. Jiena kont qieghda fil-karrozza ta' l-gharus tat-tifla flimkien mat-tifla tieghi ghax tawni *lift* u dawn tawni *lift* sat-*TATA Showroom*, Sta. Venera fejn jiena mort nigbor il-karrozza tieghi *registration number* PAT 007.

Jiena kif wasalt hemmhekk kien hemm guvni li kien liebes hwejjeg tal-gilda u dan kellu *helmet* go rasu tal-muturi, dan kien qieghed jistennieni u dan kien qieghed fuq mutur *registration number* DAK 729. Nghid dan il-guvni lili segwieni minn wara x-*showroom* tat-*TATA* madwar il-Hamrun fejn hemm il-*headquarters* tal-Partit Labursista.

Qed nesebixxi in rigward tliet (3) ritratti li qieghdin jigu esebiti u mmarkati rispettivament bhala Dok. PA1, Dok. PA2 u Dok. PA3 rispettivament. Inzid nghid li peress li

jiena kelli suspett li dana kien qieghed isegwini, jiena pparkjajt il-karrozza madwar ir-*roundabout* ta' l-Imsida u jiena qbadt *char-a-banc* ghal fejn kelli x-xoghol dak in-nhar, u cjoe' il-*Galaxy*, biss qabel ma jiena tlajt fuq ix-*char-a-banc* hadt ritratt ta' dana l-guvni madwar ir-*roundabout* ta' l-Imsida. Jien nghid li dawn it-tliet (3) ritratti li jiena ghadni kif esebejt dawna t-tlieta gbidthom jiena.

Jiena mbaghad meta dhalt fix-*char a banc* poggejt fuq wara tax-*char a banc* u nnotajt li warajja kienet gejja karrozza JMS 619, kienet qieghda issegwini u li fiha kien hemm l-imputat. Dana qed nesebixxi ritratt in rigward bhala Dok. PA4. Nixtieq nghid illi fuq dana r-ritratt jiena ghamilt cirku bil-ble biex nindika liema hija l-karrozza. Nghid dina l-karrozza mbaghad meta jiena wasalt hdejn il-*Galaxy* sibtha pparkjata f'*side street*. Nghid illi dik il-karrozza kienet qieghda tigi misjuqa mill-imputat. Kien hemm guvni bil-*baseball cap* ukoll f'din il-karrozza.
Qieghda nesebixxi bhala Dok. PA5 ritratt fejn juri l-karrozza pparkjata f'*side street* fil-vicinanzi tal-*Galaxy*. Dina l-karrozza qieghda mmarkata wkoll b'cirku kulur ble. Il-karrozza hawnhekk tidher ipprakjata vicin hafna tal-*Galaxy*. Fl-istess waqt jiena kelli suspett kbir illi l-imputat Oliver Abela kien qieghed fl-inhawi. Fil-fatt hadtlu ritratti illi wiehed minnhom, li qiegheda nesebixxi bhala Dok. PA6, l-imputat jidher qieghed bil-*mobile* ma' widnejh hdejn *phone box* u din il-*phone box* qieghda fl-istess triq hdejn il-*Galaxy*. Kif dan induna li jiena kont qieghda niehu r-ritratti, huwa gie ghamel ghalija u qalli kliem ta' theddid li jiena diga' irreferejt ghalih aktar qabel f'dina d-depozizzjoni. Huwa beda jipponta subghajh lejja u qalli l-kliem li jekk jiena nerga' niehu ritratt iehor hazin ghalija. Hu mbaghad qalli li "Jekk trid tiehu ritratt, hu ritratt ta' dan" u indikali l-warrani, u jiena mbaghad gbidt ir-ritratt li qieghda nesebixxi bhala Dok. PA7.

Jiena mbaghad wara li hadt dana l-ahhar ritratt li ghadni kif esebejt dhalt fil-*Galaxy*, l-imputat beda jigri warajja u hu beda jheddidni u qalli bl-Ingliz illi hu kien se, bl-Ingliz is-segwenti: "*I will get you for insubordination*", u dina qalha, din il-frazi qalha b'ghajjat u mhux b'kalma. Jien dak il-hin kif dhalt fil-*Galaxy* ghidt lir-*Receptionist* li jisimha Ritienne

Richardson biex hija ccempel lill-Pulizija ghax l-imputat lili jien qieghed jihharassjani. Nghid illi l-imputat imbaghad dahal bil-girja warajja gewwa l-istabbiliment, huwa kompla jghajjarni u qalli l-kliem "*I will put you behind bars* u narmi c-cavetta". Lilu ghidtlu l-kliem "Int qed tahdem ta' *Investigator* minghajr licenzja". Lili rrispondieni li "Jien qieghed nahdem fuq kaz ghal klijent", imbaghad huwa rega' semmieli li sejjer jarrestani u mbaghad kien hemm l-i*staff* tal-*Galaxy* u lill-imputat qalulu biex jitlaq 'il barra.

Qieghda nesebixxi bhala Dok. PA8 ritratt iehor tal-karrozza *registration number* JMS 619 li kienet qieghda tigi osservata fis-sens li jien mort niccekkja fil-*hotel* ha nara fejn kienet u nnotajt li dina kienet giet spustjata ghal post iehor, cjoe' gewwa triq parallela ma' l-ewwel wahda, u nixtieq nghid illi din il-karrozza kienet qieghda tigi osservata mill-guvni li kellu l-*baseball cap* u li qabel jien kont rajtu fil-karrozza fil-prezenza ta' l-imputat. Jiena injorajt lil dan il-guvni u hadt ritratt tal-karrozza.

Nghid illi qieghda nesebixxi ritratt iehor li qieghed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. PA9 u dana r-ritratt juri meta jiena kont hadt ritratt ta' *motorcycle* li kien gej ghal wara x-*char a banc* fejn kont qieghda jiena u lil dana l-*motorcycle* qieghed immarkat b'cirku ble u dana wkoll huwa rigwardanti l-motrocycle li lili kien iffolowjani dak in-nhar. Nghid illi dana l-*motorcycle* lili iffolowjani wkoll lili sal-Galaxy."

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Patricia Pace li fis-Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005, qalet:

"Nghid illi ghadha kif inqratli t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni li jien tajt fis-seduta tat-12 t'Ottubru 2004 u jien nikkonfermaha kollha. Nixtieq inzid nghid illi anke kif wasalna l-Belt u hawnhekk nixtieq nghid illi jien kont qeghda ma grupp ta' studenti Russi, il-guvni li kien fuq il-mutur registration number BAK 729 huwa beda jsegwini l-Belt u jien hadt ritratti tieghu u nghid illi dan fejn waqafna fejn l-ATM ta' l-APS Bank peress illi l-istudenti riedu isarrfu xi flus. Qeghda nesebixxi ritratt in rigward li qed jigi mmarkat bhala Dok JPP 1. Nghid illi hawnhekk hawn cirku

maghmul minni bil-black li jindika dan il-guvni u li dan il-guvni kien fuq il-mutur. Inzid nghid illi dan l-istess guvni rajtu jitkellem ma guvni li kellu l-baseball cap u dan il-guvni tal-baseball cap kien ma l-imputat. Hawnhekk nixtieq nippreciza li r-referenza li ghidt li l-guvni kien ma' l-imputat fis-sens illi l-guvni li jien dakinhar qabel kont rajtu ma' l-imputat. Nixtieq nghid illi jien imbaghad kellimt pulizija u ghidtlu b'dan il-guvni li kien liebes gakketta tal-gilda u nghid illi dan il-pulizija qalli li ma setax jiccaqlaq ghax kien qieghed duty mal-bank. Qeghda nesebixxi ritratt in rigward qed jigi esebit bhala Dok KPP 1. F'dan ir-ritratt jidher il-pulizija li kellimt u jidher ukoll fuq in-naha ta' war ail-guvni fejn jien ghamilt cirku bil-kulur vjola madwaru. Nghid illi jien imbaghad imxejt mill-APS bank sal-Palazz ghax kellna visita l-Palazz u l-istess guvni segwieni sal-Palazz. F'dan ir-rigward qeghda nesebixxi ritratt li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok LPP 1 fejn jidher dan il-guvni li jien immarkajtu bil-kulur black. Kif dan il-guvni rani hemmhekk huwa qisu tfixkel u telaq lejn id-direzzjoni tal-monti. Jien imbaghad dort lura ghal Archbishop Street u hemmhekk sibt il-guvni bil-baseball cap li kien qieghed isegwini. F'dan ir-rigward qeghda nesebixxi ritratt li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok MPP 1. nixtieq inzid nghid illi fic-cirku li hemm black hemmhekk qeghda nindika l-guvni tal-baseball cap madwar dan ic-cirku. Peress illi l-Palazz kien maghluq ahna dorna lura u jien mort il-Kattidral u hemmhekk ukoll innutajt li dan il-guvni bil-baseball cap kien qieghed isegwini ukoll hdejn il-Kattidral. F'dan ir-rigward qeghda nesebixxi ritratt li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok NPP 1. Nghid illi dan ir-ritratt il-guvni qieghed taht l-arkati u jien ukoll immarkajtu b'cirku blu. Inzid nghid illi imbaghad ahna tlaqna mill-Belt u nghid illi kif dhalt fil-coach ix-xufier infurmani illi dak il-guvni tal-gakketta tal-gilda kien dahal warajja l-Belt u jien ghidtlu li jien kont indunajt u ghidtlu wkoll li kont hadtlu r-ritratti. Imbaghad nghid illi morna l-Blue Grotto u nghid illi l-istess guvni tal-gakketta sewda rega' gie warajna l-Blue Grotto u nghid illi dan kien gie bil-motorcycle registration number DAK 729. F'dan ir-rigward qeghda nesebixxi ritratt li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok OPP 1. Jien innutajt li dan il-guvni kien qed jistahba wara l-haxix u jien smajtu jcempel fuq il-mobile u smajtu jghid il-kliem "hawn

qeghda, qisu hawn gnien, u ha tohrog issa" u jien kif ippruvajt nehodlu ritratt iehor dan qabad il-helmet tieghu u ghatta wiccu bil-helmet u ghalhekk allura jien ma stajtx nehodlu ritratt. Inzid nghid illi sadattant sakemm l-istudenti kienu qeghdin jiehdu ir-ritratti jien mort lura fil-coach biex nistennihom u kif kont qeghda fil-coach innutajt karozza registration number JMS 619 li fiha kien hemm l-imputat u l-guvni li kellu l-baseball cap liema guvni kien segwieni l-Belt. Din id-darba il-guvni kien biddel il-baseball cap ghal wahda sewda. Jien hadt ritratt ta' l-imputat tiela' bil-karozza mill-Blue Grotto u dan ir-ritratt qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok PPP 1. Inzid nghid illi imbaghad l-imputat kien dar lejn Hagar Qim u ma kellux il-guvni mieghu. Dan ir-rigward qeghda nesebixxi ritratt li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok QPP 1. Jien imbaghad inzilt il-Blue Grotto u nnutajt li kien hemm il-guvni tal-baseball cap u dan kien bil-video u kien qed jehodli l-video. F'dan ir-rigward qeghda nesebixxi Dok RPP 1 li bil-vlegga qed jindika lil dan il-guvni. Qed nesebixxi ukoll bhala Dok SPP 1 ritratt iehor li jindika ahjar lil dan il-guvni u fejn hemm cirku qed nindika l-video camera. Dan ir-ritratt qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok SPP 1. Nghid illi sakemm kont hemmhekk kien hemm l-Assistent Kummissarju Alfred Abela li jien sa dakinhar ma kontx naf min kien u wara sirt naf li huwa r-ragel ta' kollega tieghi u jien staqsejtu biex jghini. Huwa dak il-hin ma riedx ikellimni imma imbaghad cemplet l-avukata tieghi Dr Ruth Scott u dan kellem lilha bie tispjegalu x'kien qed jigri. Dak il-hin li ppruvajt ukoll inkellem lill-Kummissarju tal-Pulizija pero' dan kien indispost. L-Assistent Kummissarju tani appuntament ghall-ghada biex jien immur inkellmu. Nixtieq inzid nghid illi jien imbaghad talqna minn hemmhekk u jien peress li kont fi stat ecitat hafna ma kontx indikajt lil dan il-guvni tal-baseball cap lill-Assistent Kummissarju Alfred Abela pero' nzid nghid illi meta hrigna mill-Blue Grotto rajna l-karozza JMS 619 fi triq tal-wied u dan kellu puncture. L-imputat kien qieghed bil-qeghda fil-karozza u l-guvni kien qieghed ibiddel il-puncture. Fil-pront jien cempilt lill-Assistent Kummissarju Alfred Abela u jien spjegajtlu fejn qeghdin. Hu tela' jkellimhom u wara l-Assistent Kummissarju Abela lili cempilli u qalli li kellimhom. Qalli li l-persuna kienet Oliver Abela u qalli

biex jien ma ninkwetax ruhi ghax kien ser ikellmu hu. Jien dan li semmejt sehh it-Tlieta 4 ta’ Novembru ta’ l-2003. L-ghada l-Erbgha 5 ta’ Novembru 2003 jien tlaqt mid-dar u flok hadt id-direzzjoni li niehu s-soltu jien tlajt biex immur ghand il-mekkanik ghax kienu qeghdin imissuli l-karozz u fil-fatt gieli sibt pipe tad-diesel mifqugh jew pipe ta’ l-ilma u jien hadt il-karozza ghand il-mekkanik u nghid illi hemmhekk hemm playground fil-Mellieha kif tohrog mit-triq ta’ Selmun, u rajt lil guvni li kont rajt il-gurnata ta’ qabel bil-gakketta tal-gilda fuq l-istess mutur registration number DAK  729 u huwa kien qieghed jistahba u jistennieni fit-triq. Jien tlajt ‘il fuq u dan deher li infixel. Jien mort ghand il-mekkanik u meta inzilt dan il-guvni gie warajja. Jien hadtlu r-ritratti u qed nesebixxi ritratt li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok A2. Dan ir-ritratt jindika dan il-guvni fuq il-motorcycle fejn jien immarkajtu b’cirku blu u din hija n-nizla ta’ Selmun. Qeghda wkoll nesebixxi bhala Dok A3 ritratt iehor ta’ l-istess guvni fuq il-motorcycle fejn ghandu cirku blu li ghamilt jien madwaru u hawnhekk kien qieghed isuq gewwa l-coast road. Inzid nghid illi jien wasalt imbaghad hdejn il-Luxol ilimaht il-karozza registration number JDC 271 tal-marka u l-imputat u l-guvni tal-baseball cap go fiha. L-imputat kien qieghed isuq u hawnhekk kienu qeghdin isegwuni. F’dan ir-ritratt qeghda nesebixxi ritratt iehor li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok A4. Kif jien wasalt ezatt hdejn il-lights tal-Luxol x’hin jien hallejtu jghaddini dan induna li jien kont qed nehodlu r-ritratti u huwa zamm fuq il-brakes, hareg mill-karozza u qed nirreferixxi ghall-imputat u huwa hareg irrabjat mill-karozza f’nofs it-triq u lili beda jghajjat fid-direzzjoni tieghi beda jghidli “Alla hares terga’ tiehu ritratt ghax hazin ghalik”. Jien ma tajtx kasu u hallejtu jghid. F’dan ir-ritratt qeghda nesebixxi ritratt iehor bil-kulur li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok A5. Qeghda nesebixxi ritratt iehor li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok A6. Kif wasalna hdejn il-lights ta’ Paceville l-imputat kien ghadu qieghed isuq warajja u huwa bil-karozza tieghu gie magenbi u waqaf u imbaghad hareg mill-karozza u qabel ma tlaqt il-camera minn idejja huwa irwieli jdejja lura u tant cekcek idejja b’mod li l-camera spiccat waqghet minn idejja. Qabad il-camera u hadieli. Qeghda nesebixxi d-disposable camera li jien kont qed niehu r-ritratti dakinhar

li qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok APT 1. Nixtieq nghid ukoll illi jien kif l-imputat kien hareg idu ilhaqt gbidt ritratt li qed nesebixxi bhala Dok A7. Jien imbaghad l-imputat rajtu niezel lejn San Giljan u jien bqajt sejra l-Belt fejn jien kelli l-appuntament ma' l-Assistent Kummissarju Alfred Abela. Sakemm mort lura lejn il-karozza tieghi l-parker li kien hemm fil-carpark fejn ipparkjajt il-Belt kien qalli li l-imputat kien tfacca bil-karozza JDC 271 u mieghu kellu l-guvni bil-baseball cap u l-guvni kien hareg minn din il-karozza u kien dar dawra mal-karozza tieghi. Il-parker imbaghad beda jkeccihom u dan il-parker lili qalli illi l-imputat kien qisu iffissat fuq il-karozza tieghi. Meta dan ipprova jkeccih l-imputat irrispondih li hu kien qed jahdem fuq kaz. Il-parker imbaghad irnexxielu b'mod jew iehor li jnehhihom minn hemm. Nghid illi dakinhar stess jien kont ircevejt telefonata anonima. Nghid illi n-numru li kienu cempluli t-telefonata anonima kien in-numru 9925 5027. Dan kienu cempluli fuq il-mobile personali tieghi. Inzid nghid illi dan l-istess persuna kellu jiltaqa mar-ragel tieghi fit-13 ta' Novembru 2003. Jien kont sibt karta li fuqha kien hemm dan l-istess numru li semmejt u li allura fuq din il-karta kien hemm miktub li dan ir-ragel kien ser jiltaqa mar-ragel tieghi fid-data li semmejt. Nghid illi l-karta kienet fil-qalziet tax-xoghol tar-ragel tieghi li solitament juza biex imur il-qorti. Din il-karta kienet miktuba bil-kalligrafija ta' zewgi. Nghid illi dwar din it-telefonata li rcevejt anonima kull ma kien hemm kien silenzju. Dakinhar filghaxija lil zewgi kien gie d-dar u beda jghajjarni u qalli li jien pogguta ma' Freddie Abela u qalli wkoll li jien qahba. Jien lil zewgi ma kont ghidtlu xejn b'dak li kien sehh il-gurnata ta' qabel u dak li kien sehh dakinhar. Nikkonferma bil-gurament li jien ir-ritratti li esebejt kollha llum huma mehuda minni. Qeghda nesebixxi bhala Dok APT 2 lista ta' okkazjonijiet ohra fejn l-imputat kien lili mexa warajja u dan hemm okkazjonijiet fejn ukoll kif jirrizulta mid-dokumenti li ghamilt jien stess jindika li anke kien hemm okkazjonijiet fejn kien ma persuni ohra. Dan id-dokument huwa ffirmat minni u ghamiltu jien. Qeghda nesebixxi wkoll bhala Dok APT 3 lista ohra ukoll maghmula minni fejn persuni ohra kienu qeghdin jiffolowjajni u dan id-dokument huwa maghmul minni u huwa wkoll minni ffirmat f'kull pagna kif ukoll Dok APT 2 huwa ffirmat f'kull

pagna u liema dokumenti qieghed nesebixxi issa u cioe' b'referenza ghal persuni ohra barra l-imputat li kienu jiffolowjawni u kif ukoll lista li jikkontjeni lista ta' telefonati anonimi li qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok APT 3. Dan id-dokument Dok APT 3 fih ukoll dettalji dwar ir-rapporti li jien ghamilt fl-Ghassa ta' San Giljan. Qeghda nesebixxi bhala Dok APT 4 album tar-ritratti kontenenti hames (5) ritratti bil-kulur dwar nies ohra li kienu jiffolowjawni u dan qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok APT 4. Qeghda nesebixxi bhala Dok APT 5 album iehor tar-ritratti ohra li juri nies ohra li kienu qeghdin jiffolowjawni u dan l-album iehor qed nesebih bhala Dok APT 5 jikkontjeni tlettax-il ritratt (13) bil-kulur. Dawn ir-ritratti kollha gbidthom jien. Inzid nghid illi fit-2 ta' Frar tas-sena 2004 il-karozza personali tieghi li kont nuza jien registration number PAT 007 jien sibt car tracking system u jien dwar dan ghamilt rapport l-Ghassa ta' tas-Sliema u dan in-numru ta' dan ir-rapport huwa 6/L/487/2004. Jien ukoll kont gibt il-Bomb Disposal Squad halli jiccekjaw il-karozza. Qeghda nesebixxi bhala Dok APT 6 notamenti kif ukoll sett ta' ritratti bil-kulur liema ritratti huma mehudin bil-mobile tieghi u hadthom jien. Nghid certu John Sultana li kien partner tar-ragel tieghi kien qalli illi din it-tracking system kien twahhlet mal-karozza tieghi fuq struzzjonijiet ta' l-imputat u li kien Martin Zerafa tad-Datatrak System li kien wahhal it-tracking system fuq il-karozza tieghi. Jien nixtieq nghid illi kont sibt cassette gewwa tape recorder tar-ragel tieghi li kien mohbi liema tape recorder kien mohbi fil-gwardarobba tas-sodda taghna u jien smajt dan il-casette, ghamilt traskrizzjoni tieghu u qeghda nesebixxi bhala Dok APT 7 u f'dan it-tape tinstema' l-vuci ta' l-imputat u tar-ragel tieghi. Qeghda nesebixxi dan it-tape li qed jigi esebit bhala Dok APT 8. Qeghda nesebixxi bhala Dok APT 9 kopja fotostatika tal-yellow pages Malta tat-2004 u naghmel referenza ghal zewg crosses bil-black u numru underlined bil-blue ukoll taht it-titolu investigators private fejn inkwantu kien Consultancy and Services Limited 9949 2004 jirrigwardja lir-ragel tieghi u tahtu fejn hemm cross bil-blue O Abela International Investigators u hemm imnizzlin zewg mobile phones u cioe 7926 4131 u 7925 8546, dawn qeghda nesebixxi dawn id-dokumenti biex nindika l-fatt li skond dan l-advertisement l-imputat

jaghmel xoghol ta’ private investigator u hemm indikati ukoll in-numri tal-mobile phones.”

F’dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Dr Malolm Pace li fis-Seduta tat-22 ta’ Frar, 2008, qal:

“Nghid l-imputat Oliver Abela li qed naghrfu prezenti fl-Awla nafu bhala persuna li taghmel xoghol ta’ surveillance. Jiena gieli kelli xi klijenti u ghaddejthomlu biex hu jaghmel ix-xoghol tieghu. Jiena nafu bhala bniedem onest u korrett. Huwa wkoll bniedem serju u ta’ l-affari tieghu. Nixtieq inzid nghid li jiena ghaddej minn proceduri ta’ separazzjoni u jiena kont tlabt lil imputat sabiex jaghmilli xi surveillance dwar il-movimenti tal-mara tieghi biex huwa jikkonfermali fejn kienet qeghda tmur il-mara tieghi u ma’ min kienet qeghda tiltaqa. Nghid illi l-imputat fil-fatt ezegwixxa dak li jiena tlabtu. Jiena lil imputat kont hallastu ta’ xogholu. Nghid illi l-imputat lili l-konkluzjonijiet kien tahomli verbalment u ma kien ghaddieli l-ebda forma ta’ xi materjal jew kitba in rigward. Nghid illi fil-perjodu illi jiena kont qabbadt lil imputat biex jaghmel l-inkarigu li tlabtu, il-mara tieghi kienet qeghda tutilizza vettura li hija proprjeta parafernali tappartjeni lili u cioe’ tal-mara Tata Sumo G li dina ghandha kapacita li trikkeb tmienja persuni liema vettura l-kulur taghha huwa ahdar skur u li ghandha registration number Pat 007.

Nghid kien hemm zmien illi din il-vettura li semmejt kellha apparat installat tad-Data track. Pero’ nghid ma jidhirliex li dina l-vettura kellha dan l-apparat tad-Data track installat go fiha meta jiena kont qabbadt lil imputat biex dana jissorvelja l-mara tieghi. Pero’ dwar dana ma nistax nghid li jiena cert mija fil-mija.”

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta’ Dr Malolm Pace li fis-Seduta tat-18 ta’ April, 2008, in kontinwazzjoni qal:

“B’referenza ghal dal li jiena xehed fit-22 ta’ Frar 2008 qed nigi mistoqsi meta jiena kont qabbadt lil imputat bl-inkarigu li tajtu kienet jekk niftakar sew, kienu xi 3 jew 4

snin ilu. Dana l-inkarigu naf li dam xi ftit granet. Nghid illi jiena lil imputat kont hallastu ta' l-inkarigu li qabbadtu."

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Oliver Abela li fis-Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2010, qal:

". . . investigatur privat. Jiena ilni nahdem bhala investigatur privat ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena. Jiena iggradwat minn Education Direct li llum saret Penn Foster f'Pennsylvania fl-America u dana fl-investigazzjonijiet. Qieghed nesebixxi d-diploma ta' private investigator li qieghed nipprezenta bhala Dok. OA 1. Dan id-dokument qieghed jigi esebit bhala Dok. OA 1. Pero' nixtieq nghid illi qieghed nesbixxi wkoll bhala dok. OA 2 rizultati li jiena gibt fil-kors ta' private investigator. Qieghed nesebixxi bhala Dok. OA 3 ittri mill-iskola li jiena attendejnt ghall-kors ta' private investigator li qed jigu esebiti bhala Dok. OA 3. Qieghed nesebixxi bhala Dok. OA 4 certifikat mill-Education Department ta' Malta li dan huwa accreditation certificate mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ta' Malta, dan id-dokument qed jigi esebit bhala Dok. OA 4. Nixtieq nghid illi ligi a doc ta' Private Investigators f'Malta ma hawnx. Jiena x'hin iccekkjajt il-ligi sibt illi Private Investigations hija mdahhla fir-regolamentazzjoni tal-Wardens. Nghid illi jiena qatt ma applikajt biex ikolli licenzja ta' Warden jew Private Guard.
Nghid jiena ilni hamsa u ghoxrin (25) sena nahdem fil-qasam ta' private investigator. Nghid jiena la jien Warden u lanqas Private Guard u ghalhekk jiena ma applikajtx. Nghid jiena kont kellimt lil Ministru Tonio Borg meta dan kien Ministru tal-Gustizzja u jiena ghidtlu illi kif saret ir-regolamentazzjoni tal-Wardens dawn jistghu wara li jkollhom training biss ta' tmienja u erbghin (48) siegha jispiccaw jahdmu ta' Private Investigators, billi Investigatur Privat igradwat ikun irid jaghmel erbgha u ghoxrin (24) ezami, sentejn jistudja u l-minimum mark hija sebghin (70). Dan id-diskors ghidtu lil Ministru bl-iskop illi ssir emmedna u tigi regolarizzata l-ligi.
Il-Ministru Borg lili fehimni u qalli li kienet se tigi ammendata l-ligi pero' mbaghad spicca li ma sar xejn. Nghid jiena mbaghad x'hin inbidel il-Ministru tal-Gustizzja

jiena kellimt lill-Ufficjali tal-Ministru tal-Gustizzja u qaluli li kienu ha jirriferu ghand il-Ministru wara certu zmien mbaghad kien cempilli l-Ministru u huwa geghelni nerga nispjegalu l-istorja u jiena spjegajt lilu dak li kont ghidtqabel lil Ministru Tonio Borg. U nghid illi l-Ministru l-gdid lili mbaghad staqsieni jekk jiena stajtx nghinu fir-regolamentazzjoni tal-ligi dwar private investigators. Jiena rrispondejt fl-affermattiv u jiena ghamiltlu draft ta' legislazzjoi tal-Private Didective.
Qed nesebixxi din id-draft ta' legislazzjoni bhala Dok. OA 5. Qed nesebixxi l-acknowledgment tal-Ministru tal-Gustizzja ta' li kont bghatt id-draft legislation li qieghda tigi esebita bhala Dok. OA 6. Nghid jiena kont gejt ikkuntattjat minn Dr. Martin Pace li dana kien talabni li naghmel sorveljanza ta' tmenin (80) siegha mqassma fuq diversi granet u s-sorveljanza kelli nghamilha fuq il-mara ta' Dr. Pace li din jisimha Patricia Pace. Nghid jiena u n-nies tieghi ghamilna s-sorveljanza u meta lestejna ahna lil dan ghamilnielu rapport.
Peress li jiena kont ninforma kulljum lil Dr. Pace verbalment x'kien qed jigri hu u kien qalli li ma kelux bzonn rapport bil-miktub. Inzid nghid li qrib l-ahhar ta' l-investigazzjoni precizament fl-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dana ghal habta tad-disgha u nofs (9:30) ta' filghodu dina Particia Pace kienet qed tinsab hdejn il-Galaxy Hotel, jiena kont qieghed hemm hekk u jiena dhalt gewwa t-telephone booth u jiena rajt lil Patricia Pace bdiet tehodli r-ritratti. Jiena hrigt mit-telephone booth u ghidtilha biex ma tibqax tkompli b'dak l-agir u tibqa tehodli ritratti. Nghid li din Particia Pace imxiet lejn il-Galaxy Hotel dahlet gewwa u jiena mxejt warajha halli nara fejn din marretdana fl-istess hin li ridt inkellem lil Manager tal-Galaxy fuq xi haga privata, jiena ersaqt lejn ir-reception fejn kien hemm Partricia Pace u dina sejhitli Supritendent.
Jiena rrispondejta li jiena ma kontx Supritendent u lili qaltli li kienet se tirraportani lill-pulizija. Jiena ghidtilha li jiena kelli nirraporta lill-pulizija ghaliex hi kienet qieghda tihharessjani. Jien sadanittant mort bilqeighda fuq sufan nistenna lil Manager tal-lukanda u Patricia Pace harget u ghalhekk jiena kelli ma nistax nibqa nistenna lil Manager u kelli nohrog. U dina kienet allura Patricia Pace iddur bit-

turisti marret il-Belt u anke z-Zurrieq u kif wasalna z-Zurrieq innutajt li din bdiet titkellem ma Ufficjal tal-Pulizija u ahna ma bqajniex fuq il-post f'Wied iz-Zurrieq, pero' ahan mbaghad hadna puncture cempilna lil Paul & Rocco u dawn kellhom jibghatulna tow truck. Hames (5) minuti qabel ma gie t-tow truck tela l-Ufficjal tal-Pulizija li qabel kienet qed tkelmu Patricia Pace u nzertajt lil dan il-pulizija nafu ghax habib tieghi u lili saqsieni jekk jiena kellix xi nghid ma xi mara. Jiena ghidtlu x'kien dara li din il-mara kienet qed tehodli r-ritratti u jiena ghidtlu wkoll li jiena kont ukoll ghollejt ftit lehni maghha, saqsieni kontx imbuttajtha u jiena bil-qawwa kollha chadt li jiena imbuttajtha. L-ghada konna nezlin fuq bicca xoghol ohra lejn Penbroke u minn gol-mera ndunajt illi Patricia Pace kienet qed terga tohdilna r-ritratti.

Jiena nzilt, mort hdejn il-karozza u ghidtilha biex ma tibqax tehodli ritratti, ergajna soqna bicca ohra u ergajt harist darba ohra u ergajt rajtha tigbed ir-ritratti. Ergajn inzilt u ghidtilha ergajt ghal darba ohra biex ma tibqax tohdilna ritratti. Kif wasalna paralell fejn wiehed jidhol il-mini . . . dina Patricia Pace regghet bdiet tohdilna r-ritratti. Nixtieq nghid jiena ergajt inzilt u dina kienet qed tipprova Patricia Pace terga tehodli ritratt u dak il-hin il-camera kienet se taqalha u jiena qbadt il-camera ppruvajt nara stajtx nohrog il-film u ma rnexxilix u jiena qbadt il-camera mort biha l-ghassa ta' tas-Sliema u hemm hekk spjegawli li z-zona kienet taghmel ma l-ghassa ta' San Giljan u ghal daqstant jiena mort l-ghassa ta' San Giljan.

Jiena kellimt lil pulizija li kien orderly, ghidtlu biex icempel lil din Patricia Pace jinfurmha li ghandha l-camera l-ghassa ta' San Giljan u wkoll biex jinfrumha biex ma tibqax tihharissjani jiena mbaghad tlaqt. Fis-siegha u nofs (1:30) ta' wrar nofs inhar jiena mort l-ghassa ta' San Giljan ghax kien baghat ghalija l-Ispettur Mario Tonna u jiena spjegajtlu u rrispondejtu dak li saqsieni. Huwa talabni dokumenti u jiena wrejthomlu, dana li juru li jiena nvestigatur privat. Fuq domanda li qieghda ssirli mid-difiza u cioe' inkwantu jekk jiena kontx f'xi mument hebbejtx jew ingurjajt lil Patricia Pace. L-ewwel nies nighi li ma hijiex etika tal-professjoni tieghi illi wiehed ihebb jew jingurja mara u t-tinei wkoll hija prassi illi wiehed mhux ser imur ihebb jew jingurja mart is-suggett li jkun qabdek, jiena fl-

ebda mod ma ngurjat lil dina l-persuna. Jiena lil Patricia Pace qatt ma hedditha. Nixtieq nghid jiena l-klient tieghi ma kienx qalli li qabel lili kien baghat investigatur iehor biex jinvestiga fuq martu. Nixtieq nghid illi la jiena u lanqas in-nies tieghi qatt ma heddidna jew ingurjajna lil dina Patricia Pace u l-uniku konveszazzjoni li kellna kienet propju dik li ghadni kif xehdt illum dwarha fid-depozizzjoni tieghi."

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tinkwadra ruhha fl-artikolu 84 tal-Kap. 9 bl-aggunt tar-reat kontinwat (artikolu 18 tal-Kap. 9) il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata.

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mill-Mamo Notes:

"The material element of this offence consists in our law in <u>actually</u> performing the duties or assuming the powers of a public functionary unduly. Mere claims to such functions, mere words or boasts are not sufficient: nor is the assumption of the designation of office or the wearing of uniforms sufficient: what is required is the actual taking possesion of the office to which the function in question belongs."

Minn ezami tal-atti proceswali ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat l-element materjali tar-reat in kwistjoni.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni ta' Patricia Pace li fis-Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004, inter alia, qalet:

"......................" "<u>*I will put you behind bars* u narmi c-cavetta</u>." "Lilu ghidtlu l-kliem "Int qed tahdem ta' *Investigator* minghajr licenzja". Lili rrispondieni li "Jien qieghed nahdem fuq kaz ghal klijent", imbaghad huwa rega' semmieli <u>li sejjer jarrestani</u> ......." (Sottolinjar tal-Qorti).

Fil-fehma tal-Qorti l-kliem sottolinjati fil-bran suespost ma jwasslux ghas-sussistenza tal-element materjali tar-reat in kwistjoni.

Inkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-artikolu 25(b) tal-Kap. 389 li jghid:

“Kull persuna li tahdem jew li tkun impjegata bhala gwardjan privat jew gwardjan lokali bi ksur ta’ xi wahda mid-deposizzjonijiet ta’ dan l-Att jew ta’ xi licenza mahruga bis-sahha tieghu tkun hatja ta’ reat .....” u ghall-artikolu 3 tal-Kap. 389 li jghid:

“Ebda persuna ma ghandha tahdem bhala agenzija ta’ gwardjani privati jew bhala gwardjan privat jew jekk toffri s-servizzi taghha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex licenza skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att.

L-artikolu 6(1) tal-Kap. 389 jghid:

"Kull persuna li tkun trid tikseb licenzja ta' agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat ghandha taghmel applikazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju."

Fl-artikolu 2 tal-istess Att il-kelma "Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni ta' Malcolm Pace li fis-Seduta tat-22 ta' Frar, 2008, inter alia, qal:

“Nghid l-imputat Oliver Abela li qed naghrfu prezenti fl-Awla nafu bhala persuna li taghmel xoghol ta’ surveillance. Jiena gieli kelli xi klijenti u ghaddejthomlu biex hu jaghmel ix-xoghol tieghu." "...................................." "Nixtieq inzid nghid li jiena ghaddej minn proceduri ta’ separazzjoni u jiena kont tlabt lil imputat sabiex jaghmilli xi surveillance dwar il-movimenti tal-mara tieghi biex huwa jikkonfermali fejn kienet qeghda tmur il-mara tieghi u ma’ min kienet qeghda

tiltaqa. Nghid illi l-imputat fil-fatt ezegwixxa dak li jiena tlabtu. Jiena lil imputat kont hallastu ta’ xogholu."

Issa issir referenza ghall-bran mid-deposizzjoni ta' Oliver Abela li fis-Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2010, l-imputat, inter alia, qal:

"........................................" "Jiena ilni nahdem bhala investigatur privat ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena." ".............................................." "Nghid jiena la jien Warden u lanqas Private Guard u ghalhekk jiena ma applikajtx." "..................................." "Nghid jiena kont gejt ikkuntattjat minn Dr. Martin Pace li dana kien talabni li naghmel sorveljanza ta’ tmenin (80) siegha mqassma fuq diversi granet u s-sorveljanza kelli nghamilha fuq il-mara ta’ Dr. Pace li din jisimha Patricia Pace. Nghid jiena u n-nies tieghi ghamilna s-sorveljanza u meta lestejna ahna lil dan ghamilnielu rapport."

Mis-suespost jemergi li l-imputat ghamel xi xoghol li kien gie mqabbad mir-ragel ta' Patricia Pace u li hu ma applikax ghal licenzja kif rikjesta fl-artikolu 3 tal-Kap. 389.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat bl-aggunt tar-reat kontinwat (artikolu 18 tal-Kap. 9) tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Oliver Abela din l-akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 85 tal-Kap. 9. Hawn il-Qorti sejra ticcita bran mid-deposizzjoni tal-imputat Oliver Abela fejn dan, inter alia, qal:

"...................................." "Nixtieq nghid jiena ergajt inzilt u dina kienet qed tipprova Patricia Pace terga tehodli ritratt u dak il-hin il-camera kienet se taqalha u jiena qbadt il-camera ppruvajt nara stajtx nohrog il-film u ma rnexxilix u jiena qbadt il-camera mort biha l-ghassa ta’ tas-Sliema u hemm hekk spjegawli li z-zona kienet taghmel ma l-ghassa ta’ San Giljan u ghal daqstant jiena mort l-ghassa ta’ San Giljan.
Jiena kellimt lil pulizija li kien orderly, ghidtlu biex icempel lil din Patricia Pace jinfurmha li ghandha l-camera l-

ghassa ta' San Giljan u wkoll biex jinfrumha biex ma tibqax tihharissjani jiena mbaghad tlaqt." (Sottolinjar tal-Qorti).

Minn dan il-bran jemergi li l-intenzjoni li kellu l-imputat meta hadilha il-kamera kien li johrog il-film mill-kamera u peress li ma rnexxilux hu mbaghad mar ghand il-Pulizija. Dan iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li reat li jinkwadra ruhu fl-artikolu 85 sehh konsegwentement it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Inkwantu ghar-raba' akkuza migjuba kontra l-imputat li tinkwadra ruhha fl-art. 339(1)(d) tal-Kap. 9 il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni ta' Patricia Pace li fis-Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005, inter alia, qalet:

"................................" "Kif wasalna hdejn il-lights ta' Paceville l-imputat kien ghadu qieghed isuq warajja u huwa bil-karozza tieghu gie magenbi u waqaf u imbaghad hareg mill-karozza u qabel ma tlaqt il-camera minn idejja huwa irwieli jdejja lura u tant cekcek idejja b'mod li l-camera spiccat waqghet minn idejja. Qabad il-camera u hadieli." (Sottolinjar tal-Qorti).

Mis-suespost il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija raba' akkuza migjuba kontra l-imputat tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Nkwantu ghall-hames akkuza migjuba kontra l-imputat liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 il-Qorti hi tal-fehma li anke din l-akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mid-deposizzjoni ta' Patricia Pace li fis-Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004, inter alia, qalet:

"Nghid f'okkazzjoni minnhom l-imputat lili gie jheddidni. Lili qalli li jiena kont se nigi arrestata ghal insubordinazzjoni. Qalli wkoll li lili kien se jaghmel rapport kontrija, qalli wkoll

li kien se jitfaghni l-habs u jarmi c-cwievet. Inzid nghid ukoll illi apparti hekk heddidni wkoll ghaliex jiena bdejt niehu r-ritratti u l-kliem li qalli kien “Alla hares tiehu ritratt iehor ghax hazin ghalik!” Dina ma sehhitx f’okkazzjoni wahda."
Rigward is-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat il-Qorti hi tal-fehma li anke din l-akkuza giet sodisfacentement ippruvata liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

In sostenn ta' dan il-Qorti sejra ticcita bran mid-deposizzjoni ta' Patricia Pace li fis-Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004, inter alia, qalet:

"Jiena mbaghad wara li hadt dana l-ahhar ritratt li ghadni kif esebejt dhalt fil-*Galaxy*, l-imputat beda jigri warajja u hu beda jheddidni u qalli bl-Ingliz illi hu kien se, bl-Ingliz is-segwenti: “*I will get you for insubordination*”, <u>u dina qalha, din il-frasi qalha b’ghajjat u mhux b’kalma</u>." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra ticcita ukoll is-segwenti bran mid-deposizzjoni ta' Patricia Pace li fis-Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005, inter alia, qalet:

"................................." "Kif jien wasalt ezatt hdejn il-lights tal-Luxol x’hin jien hallejtu jghaddini dan induna li jien kont qed nehodlu r-ritratti u huwa zamm fuq il-brakes, hareg mill-karozza u qed nirreferixxi ghall-imputat u huwa hareg irrabjat mill-karozza f’nofs it-triq u <u>lili beda jghajjat fid-direzzjoni tieghi beda jghidli “Alla hares terga’ tiehu ritratt ghax hazin ghalik</u>”. (Sottolinjar tal-Qorti).

Rat l-artikoli 3 u 25(b) tal-Kap. 389 u l-artikoli 17, 18, 31, 85, 339(1)(d), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tenut kont is-suespost issib lill-imputat Oliver Abela hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali aggornata tal-imputat, tillibera lill-istess imputat Oliver Abela taht il-Provvediment tal-artikolu 22

tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Oliver Abela ghall-piena ta' tlett (3) mitt Ewro (Ewro 300) multa.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Oliver Abela li tinkwadra ruhha fl-artikolu 84 tal-Kap. 9 bl-aggunt tar-reat kontinwat (artikolu 18 tal-Kap. 9) tenut kont dak dikjarat minn din il-Qorti aktar qabel f'din is-Sentenza rigward din l-akkuza, tillibera lill-imputat Oliver Abela minn din l-imsemmija l-ewwel akkuza stante li din l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Oliver Abela b'obbligazzjoni personali ta' disa' mitt Ewro (Ewro 900) li jzomm il-kwiet ma' Patricia Pace u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Oliver Abela l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------